# ĠRAJJIET IL-BANDA MNARJA

(Is-Sitt Parti)

## Il-Ħidma tal-Banda u tal-Każin tagħha bejn is-Snin: 1987 – 1988

*Joe Curmi*

Is-snin 1987 u 1988 kienu sentejn li fihom kien ġie ċċelebrat l-20 Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja - 8 ta' Lulju,1967 u l-Inawgurazzjoni tal-Banda - 16 ta' Ġunju, 1968. Saru xi tifkiriet ta' dan bil-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet ikun Programm Vokali u Strumentali li l-Banda Mnarja kienet għamlet fi Pjazza 28 ta' April, 1688 sewwasew quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali, nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju, 1988. F'din is-sena kienu qegħdin isiru ċelebrazzjonijiet kbar f'għeluq it-Tliet Mitt Sena minn meta n-Nadur sar Parroċċa.

Kienu saru diskorsi tal-okkażjoni mill-President tas-Soċjetà s-Sur Joe Curmi kif ukoll mis-Segretarju ta' dak iż-żmien is-Sur Joe Said fejn kienu elenkaw il-ħidma siewja tal-Banda Mnarja u tal-Każin tagħha tul dawn l-aħħar għoxrin sena. Waqt dan il-Kunċert ġew mogħtija lil kull bandist Naduri u lill-membri tal-Kumitat ċertifikat ta' tifkira magħmul apposta għal din l-okkażjoni u biex ifakkar ukoll it-Tliet Mitt Sena mit-twelid tal-Parroċċa. Dawn iċ-ċertifikati ġew ippreżentati mis-Segretarju. Is-Segretarju wkoll ippreżenta medalja tad-deheb lill-President Joseph Curmi bħala rikonnoxximent għal għoxrin sena ta' ħidma mingħajr mistrieħ bħala President tal-Banda. Din ġiet irregalata mill-Kumitat tal-Banda Mnarja. Il-President irringrazzja lil dawk kollha preżenti u qal li din il-medalja, li ħa pjaċir biha ħafna, kien se żżomma bħala tifkira għażiża ta' dan iż-żmien.

Il-Kumitat tal-Festi Esterni wkoll irregala tazza lill-Banda Mnarja, kif ukoll kurunetta. Barra minn dan anke l-'Imnarja Youth Movement' li kien attiv f'dak iż-żmien fi ħdan il-Banda kien irregala wkoll kurunetta. Dan kien sar permezz tal-President Christopher Said.

Mr and Mrs Tony and Anne Formosa, ammiraturi tal-Banda Mnarja, residenti fil-U.S.A., irregalaw ukoll klarinett f'din l-okkażjoni. Matul il-kunċert, il-President Joe Curmi, kixef lapida tal-irħam impoġġieha fil-kantuniera taċ-Ċentru Parrokkjali li tfakkar għeluq l-għoxrin sena tal-Inawgurazzjoni tal-Banda. Din tbierket mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Salvu Muscat. Ta' min ifakkar ukoll, illi biex infakkru dawn il-festi, il-Banda Mnarja flimkien mal-Kor 'Jubilate Deo' tan-Nadur ħadet sehem għall-ewwel darba f' quddiesa konċelebrata minn Mons. Arċipriet fl-okkażjoni tal-ħruġ tal-istatwa Titulari min-niċċa nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju, 1988.

### L-Innu *'Su Su Fratelli'*

Fil-festa tal-1988 il-Banda daqqet għall-ewwel darba l-Innu *'Su Su Fratelli'*, miktub ħafna snin qabel lejn tmiem is-seklu dsatax mill-Arċipriet bravu Dun Anton Camilleri. L-aħħar darba li kien indaqq dan l-innu kien mill-Banda Leone tal-belt Victoria fil-festa tal-1968. Għall-ewwel kien hemm min qal illi l-Banda Mnarja ma kinitx tajba biżżejjed biex iddoqqu u ried li ddoqqu banda oħra. Il-Kumitat stinka kemm felaħ biex isir sforz biex jindaqq mill-Banda tagħna. L-Assistent Surmast Joe Galea li kien għamillu xi alterazzjonijiet, kien tal-fehma li l-Banda kienet kapaċi ddoqqu. Fl-aħħar il-Banda daqqitu hi fost il-ferħ tan-Nadurin kollha. Indaqq fil-Kunċert li semmejt ftit il-fuq u nhar il-festa ta' dik is-sena. B'dispjaċir ikolli ngħid illi dan l-innu sabiħ ma ndaqqx iżjed sa meta qed nikteb dan ir-rakkont.

### Standard Ġdid

Għal dawn il-festi ċentinarji l-Banda żanżnet ukoll standard ġdid tal-bellus li nħadem fl-Awstralja u tħallas minn diversi Nadurin li jgħixu hemmhekk immexxija mis-Sur Peter Paul Portelli. Fil-ktieb tal-minuti numru ħamsa nsibu l-ismijiet ta' 54 persuna li bejniethom ħalsu għal din il-biċċa xogħol sabiħa immens. Issa ħa nerġgħu ftit lura fiż-żmien u naraw x'ġara fis-sena 1987.

### Bandisti jerġgħu lura

Matul is-sena 1987, bit-tħabrik tal-Kumitat u bis-sehem ta' xi ammiraturi oħra tal-Banda, reġgħu bdew idoqqu diversi bandisti li għal xi raġuni jew oħra kienu waqfu jdoqqu. Dan kien ġest sabiħ li ta gost lil kulħadd u bih il-Banda ħadet spinta qawwija 'l quddiem. F'din is-sena wkoll il-Banda ħadet sehem ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet li l-Onorevoli Ġiovanna Debono kienet qiegħda tagħmel fl-okkażjoni tal-ħatra tagħha bħala Deputat fil-Parlament li kienet saret dik il-ħabta. Kien sar marċ minn Triq San Ġwann (minn ħdejn id-dar ta' missierha) sad-dar tagħha fi Triq il-Knisja. Din il-ħaġa, li l-Banda tieħu sehem f'ċelebrazzjonijiet ta' ferħ imma ta' natura politika ma tantx kienet tinżel tajjeb ma kulħadd. Kienet xewqa ta' ħafna li attivitajiet li jista` xi ftit jew wisq ikunu ta' firda għas- Soċjetà Filarmonika Mnarja jiġu evitati. Kien għalhekk li ftit taż-żmien wara, fl-Laqgħa Ġenerali ddaħal dan l-artiklu fl-Istatut: 'Il-Banda Mnarja m'għandhiex tagħti s-servizzi tagħha li jkunu ordnati minn partit politiku jew kandidat jew deputat ta' partit politiku.' Deċiżjoni li kienet ġiet apprezzata minn ħafna u li wara anke kienet ġiet adottata minn diversi għaqdiet u soċjetajiet oħra.



Il-Banda Mnarja fi Triq San Ġwann fil-festi Triċentinarji tas-sena 1988.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)

**Sehem il-Banda fil-festi**

Wara ħafna snin li kien ilha ma tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tas-Sokkors fir-raħal ta' Kerċem, il-Banda fis-sena 1987 ġiet mistiedna għal din il-festa u ħadet sehem. Ħaġa oħra ġdida għall-Banda Mnarja kienet li fil-Programm Strumentali li tat fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ fil-belt Victoria, idderieġa l-Assistent Surmast, il-Mro. Joe Galea. Dan kien il-Ħadd 19 ta' Lulju, 1987.

**Attivitajiet oħra tal-Banda matul l-1987**

Matul l-1987 saret ukoll l-ikla fil-*Ulysses Lodge*, u anke l-ġita għat-Trade Fair. Fit-2 ta' Settembru mbagħad, ġiet organizzata mawra ta' erbat ijiem għal Sqallija. Il-ġitanti qagħdu f'lukanda ġol-belt ta' Catania. Żaru lil Taormina u telgħu fuq il-muntanja Etna. It-traġitt minn Malta sa Catania sar permezz tal-'Għawdex' li kien vapur kbir mhux ħażin u kien jaħdem bejn Malta u Għawdex. Insomma kienet vaganza pjaċevoli ħafna.

**L-Innu 'Evviva'**

Il-Kumitat minn dejjem xtaq li jkollu innu ferrieħi biex jindaqq waqt il-marċijiet u saru kemm il-tentattiv biex il-Banda jkollha wieħed iżda qatt ma ħareġ dak mixtieq. Wieħed minn dawn l-innijiet kien kitbu l-Baruni Kelinu Vella Haber, li kien minn Nadur u li fi tfulitu kien joqgħod hawn ukoll. Issemma 'Evviva'. Kien immużikah l-Assistent Surmast tal-Banda, Mro. Joe Galea u kien indaqq għall-ewwel darba fis-sena 1987. Fiż-żmien li qed insemmu dan l-innu kien wieħed popolari u kien anke infittex.

**Żewġ Sotto-Kumitati**

Fi ħdan il-Kumitat kien hemm żewġ Sotto-Kumitati importanti: il-'Kumitat Kulturali Nisa Nadurin' li tkellimt fuqu fil-ħarġa ta' qabel din, u issa twaqqaf l-'Imnarja Youth Movement' taħt il-presidenza taż-żagħżugħ Christopher Said, illum Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista. Dan kien ħa post il-'Moviment Żgħażagħ Imnarja' li kien waqaf jiffunzjona snin qabel. Il-Kumitat tan-nisa fiż-żmien li qed insemmu organizza ħafna *Coffee Mornings*, kors ta' tisjir u ħelu u party għal xi 300 tifel u tifla tal-Iskola Primarja tan-Nadur. Mill-banda l-oħra l-'Imnarja Youth Movement' kien l-organizzatur ta' ġurnata attivitajiet fil-bajja ta' Daħlet Qorrot b'isem ta' *'Summerfest'* li għadha tiġi organizzata sal-lum, numru ta' discos fil-każin u attivitajiet oħra fuq il-palk.

**Is-Surmast Joe Camilleri**

L-Ass. Surmast Joe Galea kellu ħafna xogħol ma' diversi baned f'Malta u f 'Għawdex u ma setax ilaħħaq ma kollox. Ħafna drabi kien ikun impossibli għalih li jaqdi l-ħtiġijiet tal-banda tagħna. Wara ħafna laqgħat il-Kumitat ma kellux triq oħra x'jieħu u għażel lill-Mro. Joe Camilleri mix-Xagħra biex jibda jieħu ħsieb it-tagħlim tal-alljievi hu, kariga li dam jokkupa għal bosta snin. Mill-banda l-oħra apprezza l-ħidma ta' Mro. Joe Galea u irringrazzjah taż-żmien sabiħ li kien għamel mal-Banda Mnarja bħala Assistent Surmast u għalliem tal-alljievi.




Il-wasla tal-Qaddej ta' Alla l-E.T. il-Kardinal Maurice Otunga Arċisqof ta' Nairobi fil-Kenja, li kien il-mistieden speċjali tal-festi Triċentinarji tas-sena 1988.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)



Il-Banda Mnarja fil-Pjazza qabel il-bidu tat-Translazzjoni fil-festi Triċentinarji tas-sena 1988.



Il-folla qabel il-ħruġ tal-Purċissjoni Pontifikali fil-festi Triċentinarji tas-sena 1988.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)

**Banka tal-Lottu**

Il-Kumitat tal-Banda kien ilu ħafna jipprova biex fil-każin ikollu Banka tal-Lottu. Fl-aħħar, f'April tal-1988, waslet ittra mill-Awtorita` tal-Lottu Pubbliku illi t-talba tagħna issa ġiet milqugħa. Il-Kumitat ukoll ġie mitlub biex jissuġġerixxi bniedem biex joqgħod bħala riċevitur. Il-Kumitat għażel lil Rajmond Vella, li kien membru fil-Kumitat għal din il-ħatra. Għall-ewwel, l-uffiċċju tal-Lottu kien ġo kamra żgħira fi Triq it-Tramuntana fejn kien qabel ma ingħata lill-Każin. Ftit xhur wara l-uffiċċju tal-Lottu ġie trasferit għall-każin tal-Banda. Kien hemm xi kondizzjonijiet mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, fosthom illi l-Banda trid tagħti programm mużikali kull sena mingħajr ħlas f'post pubbliku fin-Nadur u li l-Każin irid javża bil-miktub id-data u l-ħin tal-programm lid-Dipartiment tal-Lottu mhux inqas minn ħmistax –il ġurnata qabel l-okkażjoni. Dan il-programm ma jridx ikun marbut mal-festa.

**'Il-Bajjad u l-Kuluri'**

Fis-26 ta' Marzu, 1988 kienet saret kummiedja minn kumpanija tat-teatru Malti fil-każin. Fost l-atturi kien hemm l-attur magħruf Charles Thake. Fil-minuti tal-laqgħa tal-kumitat li kienet saret nhar it-28 ta' Marzu, 1988 insibu dan rigward din is-serata: 'Joe Zerafa informa lill-Kumitat illi l-membri kollha tal-kummiedja soċjali (li kienet saret qabel fil-Manoel Theatre) "Il-Bajjad u l-Kuluri" faħħru l-komportament tal-udjenza u qalu li ħadu ferm pjaċir u li ħarġu kuntenti ħafna. In-nies ukoll ħarġu sodisfatti bis-suġġett ta' din il-Kummiedja.'

***Gentlemen's Agreement***

Il-*'Gentlemen's Agreement'* kien ftehim, bil-kelma biss, bejn is-sitt baned Għawdxin ta' dak iż-żmien illi jekk bandist ikollu xi jgħid mas-Soċjetà tiegħu u ma jkunx għadu jattendi għas-servizzi tagħha, il-baned l-oħra ma jaċċettawhx biex idoqq magħhom. Dan il-ftehim ma tantx kien jogħġob lill-baned tal-irħula li kollha kienu jagħmlu użu mill-bandisti tal-baned tal-belt Victoria. Fis-sena 1988 kien jidher illi l-baned tal-irħula kienu xebgħu minn dan il-ftehim u kien beda jinkiser. Il-baned La Stella u Leone malajr għamlu ftehim għand nutar li fil-qosor jgħidu hekk: Il-*'Gentlemen's Agreement'* jibqa' jgħodd għaż- żewġ baned tar-Rabat. Jekk xi banda oħra f'Għawdex, li hawn jew li għad ikun hawn, tieħu minn dawn il-bandisti tar-Rabat, dawn il-baned (La Stella u Leone) ma jeħdux sehem fi kwalunkwe attività li ssir f'dak il-post li jkollha s-sedi tagħha dik il-banda. Iż-żewġ soċjetajiet jiftiehmu wkoll li ma għandhomx jippermettu li banda Maltija li tkun mistiedna għal xi festi minnhom organizzati tutilizza xi bandist imkeċċi jew sospiż minn xi waħda minnhom jew li jkun ħalla l-banda. Ebda banda tar-Rabat ma tista` tieħu post l-oħra f'xi post f'Għawdex. Jekk xi banda minnhom ma tkunx aċċettat xi servizz imħabba l-kwistjoni tal-bandisti dixxiplinati jekk tinkiser xi waħda minn dawn il-klawsoli hemm piena ta' elf lira kull darba. Dan il-ftehim jibqa` jorbot lill-partijiet għal għaxar snin mit-12 ta'Mejju, 1988.

Fis-26 ta' Mejju tal-istess sena ltaqgħu l-erba` baned l-oħra t'Għawdex, jiġifieri l-Banda Victory tax-Xagħra, il-Banda Prekursur tax-Xewkija, il-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem u l-Banda Mnarja tan-Nadur u ffirmaw dan il-ftehim bejniethom: Fil-każ li xi bandist ikun ħalla xi waħda mis-Soċjetajiet Filarmoniċi oħra mhux partijiet fuq dana l-att jiġi mistieden minn xi waħda mill-erba` baned fuq imsemmieha u dana jirrifjuta li jagħmel dan mingħajr raġuni valida, is-soċjetajiet jintrabtu li ma jħallux lil dan il-bandist jipparteċipa f'xi servizz ta' xi waħda mill-baned l-oħra partijiet fuq dan l-att. Is-Soċjetajiet Filarmoniċi partijiet fuq dan l-att qed jintrabtu wkoll li jirrifjutaw kull stedina għal kull servizz li jiġi mill-baned l-oħra li mhumiex parti f'dan l-att. Dawn l-erba` baned ftiehmu wkoll illi biex bandist minn xi waħda minnhom imur idoqq ma xi banda oħra jrid jikseb il-permess tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika rispettiva tiegħu. Il-multa imsemmija (LM1500) f'dan l-att trid titħallas mhux iktar tard minn 30 ġurnata mid-data li fiha jiġri l-ksur tal-ftehim. Kwalinkwe kwistjoni li tinqala' bejn dawn l-erba` baned għandha tiġi solvuta permezz ta' laqgħa jew laqgħat bejniethom. Dan il-ftehim jibqa' jorbot lill-partijiet għal għaxar snin mid-data tas-26 ta' Mejju, 1988.

**Ir-rivista 'In-Nadur'**

Din il-ħabta l-Kumitat kien joħroġ rivista li kien jisimha 'In-Nadur' u li kien jieħu ħsiebha bħala Editur is-Segrtarju Joe Said. Kienet rivista bi tmien paġni b'ċirkolazzjoni ta' 1300 mitt kopja li kienet twassal tagħrif dwar l-attivitajiet tal-Banda Mnarja u tal-Każin tagħha, kif ukoll artikli oħra ta' interess ġenerali u ta' storja marbuta man-Nadur. F'Ġunju tas-sena 1988 din ir-rivista kienet waħda speċjali biex tfakkar it-Tielet Ċentinarju tal-Parroċċa. Kienet rivista li damet toħroġ għal bosta snin wara li kienet infittxija ħafna. 'In-Nadur' kienet titqassam minbarra fin-Nadur, anke lil bosta persuni f'Għawdex kif ukoll f'Malta u fost l-emigranti Nadurin imxerrdin fl-Amerika, l-Awstralija u l-Canada.

*(Jissokta)*

© Joseph Curmi •2014.

Referenzi:

Arkivju tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja u minuti tal-Kumitat snin 1987 – 1988.





Mumenti miċ-ċerimonja tal-għotja tal-istandard lill-Banda Mnarja mill-'Australian – Nadur Association' fil-jiem tal-festi Triċentinarji tas-sena 1988.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)